

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2155**tal-14 ta' Ottubru 2020****li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi skema komuni fakultattiva tal-Unjoni Ewropea għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(10) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2010/31/UE hi l-leġiżlazzjoni ewlenija, flimkien mad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u mar-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li jindirizza l-effiċjenza enerġetika fil-bini fil-kuntest tal-miri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-2030. Id-Direttiva 2010/31/UE għandha żewġ objettivi kumplementari, jiġifieri li tħaffef ir-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti sal-2050 u li tappoġġa l-modernizzazzjoni tal-bini kollu b'teknoloġiji intelliġenti, bħal dawk li jużaw l-intelliġenza artifiċjali u servizzi bbażati fuq il-cloud, u b'raba aktar ċara mal-mobbiltà nadifa.
- (2) Biex tiġi appoġġata klassifikazzjoni konsistenti u trasparenti tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini fl-Unjoni, jenħtieġ tiġi stabbilita definizzjoni komuni tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza u metodoloġija komuni għall-kalkolu tiegħu.
- (3) Biex ikunu żgurati l-aċċettabbiltà, l-użabbiltà u l-konsistenza tal-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija, b'kollaborazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u id f'id mal-Istati Membri, għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini skont l-Artikolu 8(10) tad-Direttiva 2010/31/UE u l-Anness IA tagħha.
- (4) Dik il-metodoloġija għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini tiżgura grad ta' konsistenza u komparabbiltà fil-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini madwar l-UE, filwaqt li tħalli biżżejjed flessibbiltà biex il-kalkolu jkun adattat għal kundizzjonijiet speċifiċi.
- (5) Jenħtieġ jiġu stabbiliti mekkaniżmi adegwati tal-kontroll b'raba mal-implimentazzjoni tal-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza.
- (6) Meta rilevanti, jenħtieġ tkun possibbli awtovalutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza mis-sid, mill-manijer tal-faċilità jew minn xi parti kkonċernata oħra marbuta mal-bini, appoġġata bi gwida u għodod miftuħa.
- (7) Biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tal-ispejjeż bejn l-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza u l-iskemi obbligatorji eżistenti, il-metodoloġija għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jenħtieġ tippermetti lill-Istati Membri, jekk ikunu jixtiequ, li jorbtu jew jintegraw l-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza ma' skemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u ma' skemi oħra stabbiliti skont id-Direttiva 2010/31/UE.
- (8) L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ ikun imfassal b'mod li jirrifletti l-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini u s-sistemi tagħhom u jenħtieġ jintuża biex jikkumplementa – u mhux biex jieħu post – l-għodod li jivvalutaw aspetti oħra tal-bini, bħal pereżempju r-rendiment fl-użu tal-enerġija jew is-sostenibbiltà.

⁽¹⁾ ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

- (9) Jenħtieġ li l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza ma jkunx indikatur għar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini. Is-sidien tal-bini jenħtieġ ikunu infurmati li l-potenzjal ta' intelliġenza kif rifless fl-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza, u r-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini kif espress fiċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija huma kwistjonijiet differenti, li għalhekk iridu jiġu indirizzati minn tipi differenti ta' miżuri; iżda l-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ jgħin biex jitjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija.
- (10) Il-benefiċċji għall-konsumaturi, għall-utenti tal-bini u għas-sidien se jiġu massimizzati meta l-istrumenti disponibbli għall-klassifikazzjoni tal-bini jintużaw flimkien, filwaqt li jiġi żgurat li l-konsumaturi, l-utenti tal-bini u s-sidien ikunu jistgħu jkissbu fehim komprensiv tal-bini tagħhom u dwar kif jistgħu jtejbu r-rendiment ġenerali.
- (11) L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ ikun disponibbli kemm għall-bini eżistenti kif anki għall-proġetti ġodda tal-bini. Il-mudelli diġitali tal-bini, inkluż il-mudelli ta' informazzjoni dwar il-bini jew it-tewmin diġitali, jenħtieġ jitħallew jintużaw biex jeħfief il-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza.
- (12) Jenħtieġ li l-qafas għall-kalkolu tal-potenzjal ta' intelliġenza jitħalla jintuża għat-tipi kollha ta' bini u ta' unitajiet tal-bini koperti bid-Direttiva 2010/31/UE.
- (13) L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ jippermetti l-enfasi tal-benefiċċji addizzjonali minn teknoloġiji intelliġenti avvanzati għas-sidien u l-utenti tal-bini, pereżempju mil-lat ta' ffrankar fl-enerġija u tħejjija għat-tibdil fil-klima, jew mil-lat ta' aktar inklużività u aċċessibbiltà, kumdità u benessere.
- (14) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini u tal-unitajiet tal-bini bħala parti mill-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza għall-fini ta' ħruġ ta' ċertifikat tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza, issir minn esperti kwalifikati jew akkreditati.
- (15) Meta l-Istati Membri jidhrilhom li hu xieraq, jenħtieġ li l-esperti akkreditati għaċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini, jew għall-ispezzjoni tat-tisħin, tal-arja kkundizzjonata u tas-sistemi kkombinati tat-tisħin jew tal-arja kkundizzjonata u tal-ventilazzjoni skont id-Direttiva 2010/31/UE, jew għat-twertiq tal-awditi tal-enerġija skont id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), jitħallew jitqiesu kompetenti wkoll biex jivvalutaw il-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jew tal-unitajiet tal-bini.
- (16) B'aktar diġitizzazzjoni u konnettività fil-bini jiżdiedu r-riskji taċ-ċibersigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li l-bini u s-sistemi tagħhom isiru aktar vulnerabbli għat-theddid ċibernetiku u l-użu ħażin tad-*data* personali. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jenħtieġ jgħin biex is-sidien u l-utenti tal-bini jiġu infurmati dwar dawk ir-riskji.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi skema komuni fakultattiva tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini, jiġifieri d-definizzjoni tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza u metodoloġija komuni għall-kalkolu tiegħu. Il-metodoloġija tikkonsisti fil-kalkolu ta' punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jew tal-unitajiet tal-bini u li tidderivi klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jew tal-unitajiet tal-bini.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(*) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

- (1) “indikatur tal-potenzjal ta’ intelliġenza” tfisser indikatur li jinforma dwar il-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta’ intelliġenza ta’ binja jew ta’ unità tal-bini f’konformità mal-Artikolu 8(10) tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (2) “skema tal-indikaturi tal-potenzjal ta’ intelliġenza” tfisser sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-potenzjal ta’ intelliġenza tal-bini;
- (3) “operatur ekonomiku” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tkun is-sid ta’ binja li tinsab fit-territorju ta’ Stat Membru, jew persuna fiżika jew ġuridika li tippossjedi jew tokkupa unità tal-bini li tinsab fit-territorju ta’ Stat Membru, u li titlob ċertifikat tal-indikatur tal-potenzjal ta’ intelliġenza ta’ dak il-bini jew dik l-unità tal-bini;
- (4) “klassifikazzjoni tal-potenzjal ta’ intelliġenza” tfisser il-klassifikazzjoni tal-bini jew tal-unità tal-bini skont il-metodoloġija stabbilita f’dan ir-Regolament;
- (5) “punteġġ għall-potenzjal ta’ intelliġenza” tfisser il-punteġġ miksub minn binja jew minn unità tal-bini bħala parti mill-proċess għall-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta’ intelliġenza;
- (6) “sistema” tfisser sistema li tista’ tinstab f’binja u li hi rilevanti għall-ambitu tal-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta’ intelliġenza kif stabbilit fid-Direttiva 2010/31/UE, inkluż iżda mhux limitat għas-sistemi tekniċi tal-bini kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (7) “funzjonalità ewlenija tal-potenzjal ta’ intelliġenza” tfisser waħda mit-tliet funzjonalitajiet imsemmija fil-punt 2 tal-Anness IA tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (8) “kriterju tal-impatt” tfisser impatt ewlieni li s-servizzi intelliġenti lesti huma mfassla biex jiksbu, kif stabbilit f’dan ir-Regolament;
- (9) “dominju tekniċu” tfisser ġabra ta’ servizzi intelliġenti lesti li, flimkien, iwettqu parti integrata u konsistenti tas-servizzi mistennija mill-binja jew mill-unità tal-bini, bħal pereżempju t-tisħin;
- (10) “konnettività” tfisser l-abbiltà tas-sistemi li jiskambjaw *data* bejniethom u l-abbiltà tal-binja jew tal-unità tal-bini li tiskambja d-*data*, mal-grilja u ma’ entitajiet relatati, bħal aggregatur, jew ma’ binjiet oħrajn;
- (11) “interoperabbiltà” tfisser l-abbiltà li sistema tinteraġixxi għal fini komuni, abbażi ta’ standards maqbuli b’mod komuni, permezz ta’ skambju ta’ informazzjoni u *data*;
- (12) “ċibersigurtà” tfisser l-attivitajiet meħtieġa għall-protezzjoni tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni, l-utenti ta’ dawn is-sistemi, u individwi oħra milquta minn theddid ċibernetiku;
- (13) “teknoloġija intelliġenti lesta” tfisser faċilitatur teknoloġiku, bħal awtomatizzazzjoni tal-bini, għal servizz intelliġenti lest wieħed jew aktar;
- (14) “servizz intelliġenti lest” tfisser funzjoni jew aggregazzjoni ta’ funzjonijiet provduti minn komponent jew sistema teknika waħda jew aktar. Servizz intelliġenti lest juża teknoloġiji intelliġenti lesti u jorbothom f’funzjonijiet ta’ livell oġhla;
- (15) “ċertifikat tal-indikatur tal-potenzjal ta’ intelliġenza” tfisser ċertifikat rikonoxxut minn Stat Membru jew minn persuna ġuridika maħtura minn Stat Membru, li jindika l-potenzjal ta’ intelliġenza ta’ binja jew ta’ unità tal-bini, ikkalkulat bil-metodoloġija stabbilita f’dan ir-Regolament;
- (16) “livell tal-funzjonalità” tfisser il-livell ta’ potenzjal ta’ intelliġenza ta’ servizz intelliġenti lest;
- (17) “fattur ta’ ponderazzjoni” tfisser parametru li jintuża fil-kalkolu tal-indikatur tal-potenzjal ta’ intelliġenza biex jesprimi l-importanza ta’ dominju tekniċu jew kriterju ta’ impatt speċifiku f’dak il-kalkolu;
- (18) “ventilazzjoni” tfisser proċess li jimmaniġġja r-rati tal-fluss tal-arja friska biex tinżamm u titjieb il-kwalità tal-arja ta’ ġewwa skont ir-rekwiżiti applikabbli;
- (19) “bilanċ tal-enerġija” tfisser approċċ li bih ċerti fatturi ta’ ponderazzjoni jistgħu jiġu adattati abbażi taż-żona klimatika tal-bini.

Artikolu 3

Indikatur tal-potenzjal ta’ intelliġenza

1. L-indikatur tal-potenzjal ta’ intelliġenza għandu jippermetti klassifikazzjoni u komunikazzjoni tal-potenzjal ta’ intelliġenza tal-bini u tal-unitajiet tal-bini lill-operaturi ekonomiċi u lil partijiet ikkonċernati oħra, b’mod partikolari dawk li jippanaw u l-operaturi tal-bini.

2. Jenħtieġ li l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza jkun jippermetti l-valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' binja jew ta' unità tal-bini li tadatta l-operat tagħha għall-ħtiġijiet tal-okkupant u tal-grilja, u li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tagħha u r-rendiment ġenerali tagħha waqt l-użu. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandu jkopri karatteristiċi għal titjib fl-iffrankar tal-enerġija, fil-parametraġġ referenzjarju u fil-flessibilità, u tisħiħ tal-funzjonalitajiet u tal-kapaċitajiet bis-saħħa ta' apparati aktar interkonnessi u intelliġenti.
3. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandu jinkludi l-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew ta' unità tal-bini, u sett ta' punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza li jirriflettu l-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini, tal-unitajiet tal-bini u tas-sistemi skont funzjonalitajiet ewlenin predefiniti, kriterji tal-impatt u dominji tekniċi.
4. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandu jinkludi, meta possibbli, informazzjoni addizzjonali dwar l-inklużività u l-konnettività tal-bini, dwar l-interoperabbiltà u ċ-ċibersigurtà tas-sistemi, u dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Artikolu 4

Metodoloġija għall-kalkolu tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza

1. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tas-servizzi intelliġenti lesti li huma preżenti jew ipplanati fl-istadju tad-disinn f'binja jew f'unità tal-bini, u tas-servizzi intelliġenti lesti li jitqiesu rilevanti għal dik il-binja jew l-unità tal-bini.
2. Il-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza għandu jkun ibbażat fuq qafas metodoloġiku komuni tal-Unjoni stabbilit fl-Annessi I sa VI.
3. Il-metodoloġija standard għall-kalkolu stabbilita fl-Annessi I sa VI tista' tiġi adattata skont l-Anness VII, b'mod partikolari billi ssir rabta mal-kalkoli tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fl-ambitu taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.
4. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandha tintuża skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalifika tal-esperti.

Artikolu 5

Klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza

Il-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew ta' unità tal-bini għandha tkun ibbażata fuq il-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza kkalkulati għall-binja jew għall-unità tal-bini skont l-Anness VIII.

Artikolu 6

L-għażla fakultattiva tal-iskema

1. L-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza għandha tkun skema komuni fakultattiva tal-Unjoni.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimplementaw l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza fit-territorju nazzjonali tagħhom, jew f'partijiet minnu. Jistgħu jagħżlu wkoll li jimplementaw l-iskema għal ċerti kategoriji ta' bini biss.
3. L-Istati Membri li jimplementaw l-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza jistgħu jagħżlu li japplikawha fuq bażi volontarja jew obbligatorja għall-bini jew għall-unitajiet tal-bini li jinsabu fit-territorju tagħhom.
4. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplementaw l-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza fit-territorju nazzjonali tagħhom, jew f'partijiet minnu, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel ma jimplementaw l-iskema.
5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimmodifikaw, jadattaw, jew itemmu l-implimentazzjoni tal-iskema fi kwalunkwe ħin mingħajr il-bżonn ta' ġustifikazzjoni għal dan. Dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

*Artikolu 7***Ċertifikat tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza**

1. L-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew ta' unità tal-bini għandu jiġi kkomunikat lill-operaturi ekonomiċi u lil partijiet ikkonċernati oħra b'ċertifikat.
2. Iċ-ċertifikat tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IX.

*Artikolu 8***Esperti tal-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza**

1. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jew tal-unitajiet tal-bini bil-ħsieb li jinħareġ ċertifikat tal-potenzjal ta' intelliġenza ssir minn esperti kwalifikati jew akkreditati. L-esperti jistgħu joperaw għal rashom jew ikunu impjegati ta' korpi pubbliċi jew intrapriżi privati.
2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza għandhom jistabbilixxu rekwiżiti dwar il-kwalifika jew l-akkreditazzjoni tal-esperti tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza u jiżguraw li dawk ir-rekwiżiti jinkludu kriterji ta' kompetenza, inkluż fil-qasam tal-ICT.

*Artikolu 9***Sistema tal-kontroll tal-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza**

1. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw l-iskema tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza għandhom jistabbilixxu sistema tal-kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza. Meta rilevanti, dawk l-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq sistemi tal-kontroll indipendenti li huma diġà fis-seħħ, bħal dawk għall-iskemi taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.
2. Is-sistema tal-kontroll indipendenti għandha tiżgura l-validità taċ-ċertifikati tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza maħruġa fit-territorju tal-Istat Membru.

*Artikolu 10***Rieżami**

Wara konsultazzjoni mal-esperti msemmija fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni tista' tirrevedi dan ir-Regolament kif xieraq sal-1 ta' Jannar 2026 u, jekk ikun meħtieġ, tagħmel proposti.

*Artikolu 11***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Il-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza

1. Il-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew unità tal-bini jirrifletti l-kapaċitajiet tal-binja jew tal-unità tal-bini li tadatta l-operat tagħha għall-ħtiġijiet tal-okkupanti u tal-grilja, u li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tagħha u r-rendiment ġenerali tagħha waqt l-użu.
2. Il-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew unità tal-bini hu ddeterminat abbażi tal-valutazzjoni tas-servizzi intelliġenti lesti li huma preżenti jew ippjanati fil-binja jew fl-unità tal-bini jew tal-bini, jew li huma rilevanti għaliha, u l-livell tal-funzjonalità tagħhom.
3. Il-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew unità tal-bini hu espress bi klassifikazzjoni dderivata minn punteggj totali għall-potenzjal ta' intelliġenza espress bħala persentaġġ u li jirrappreżenta l-proporzjon tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-bini jew tal-unità tal-bini f'paragun mal-potenzjal massimu ta' intelliġenza li jista' jintlaħaq.
4. Il-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza hu bbażat fuq fatturi predefiniti ta' ponderazzjoni f'konformità mal-Annessi III, V u VII, li l-valur tagħhom jista' jiddependi fuq kundizzjonijiet klimatiki u aspetti rilevanti oħra, bħat-tip ta' bini.
5. Biex jiġi espress il-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew ta' unità tal-bini, il-metodoloġija tippermetti wkoll l-użu ta' punteġġi diżaggregati tal-potenzjal ta' intelliġenza espressi bħala persentaġġ. Il-punteġġi diżaggregati jistgħu jesprimu l-potenzjal ta' intelliġenza għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) tliet funzjonalitajiet ewlenin tal-potenzjal ta' intelliġenza kif enfasizzat fil-punt 2 tal-Anness Ia tad-Direttiva 2010/31/UE:
 - (1) ir-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-operat;
 - (2) ir-rispons għall-ħtiġijiet tal-okkupanti; kif ukoll
 - (3) il-flessibilità tal-enerġija, inkluż l-abbiltà li l-binja jew l-unità tal-bini tkun tippermetti parteċipazzjoni bħala rispons għad-domanda.
 - (b) il-kriterji ta' impatt tal-potenzjal ta' intelliġenza kif definiti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;
 - (c) id-dominji tekniċi tal-potenzjal ta' intelliġenza kif definiti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.
6. Il-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza ta' binja jew ta' unità tal-bini jiddependi fuq il-valutazzjoni tas-servizzi intelliġenti lesti li huma preżenti jew ippjanati fl-istadju tad-disinn, u fuq il-livell tal-funzjonalità tagħhom. Il-valutazzjoni għandha l-għan li tiddetermina b'affidabilità biżżejjed liema servizzi huma preżenti jew ippjanati, u jekk iva, il-livell tal-funzjonalità għal kull wieħed minn dawk is-servizzi. Għal dan il-għan, meta jkun disponibbli, jistgħu jintużaw mudelli diġitali tal-bini, inkluż mudelli ta' informazzjoni dwar il-bini jew tewmin diġitali. Is-servizzi intelliġenti lesti li jistgħu jkun preżenti f'binja huma elenkati f'katalgu predefinit ta' servizzi intelliġenti lesti kif stabbilit fl-Anness VI u huma organizzati f'dominji tekniċi predefiniti kif stabbilit fl-Anness IV.
7. Il-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza jsir skont il-protokoll li ġejj:
 - (a) f'konformità mal-katalgu tas-servizzi intelliġenti lesti kif stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, għal kull dominju tekniku kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, jiġu vvalutati s-servizzi intelliġenti lesti li huma preżenti u, għal kull wieħed minnhom, il-livell tal-funzjonalità jiġi ddeterminat skont il-katalgu tas-servizzi intelliġenti lesti.
 - (b) f'konformità mal-katalgu tas-servizzi intelliġenti lesti, u għal kull kriterju ta' impatt tal-potenzjal ta' intelliġenza kif stabbilit fl-Anness II, il-punteggj $I(d, iċ)$ ta' kull dominju tekniku hu ddeterminat kif ġejj:

$$I(d, iċ) = \sum_{i=1}^{N_d} I_{iċ}(FL(S_{i,d})),$$

fejn:

- (1) d hu n-numru tad-dominju tekniku inkwistjoni,
- (2) iċ hu n-numru tal-kriterju ta' impatt inkwistjoni,

- (3) N_d hu n-numru totali ta' servizzi fid-dominju tekniku d ,
 - (4) $S_{i,d}$ hu s-servizz i tad-dominju tekniku d ,
 - (5) $FL(S_{i,d})$ hu l-livell tal-funzjonalità tas-servizz $S_{i,d}$ kif disponibbli fil-binja jew fl-unità tal-bini,
 - (6) $I_{iċ}(FL(S_{i,d}))$ hu l-punteġġ tas-servizz $S_{i,d}$ għan-numru tal-kriterju ta' impatt iċ , skont il-livell tal-funzjonalità tas-servizz,
- (c) f'konformità mal-katalogu tas-servizzi intelliġenti lesti, il-punteġġ massimu ta' kull dominju tekniku għal kull kriterju ta' impatt $I_{max}(d, iċ)$ jiġi ddeterminat kif ġej:

$$I_{max}(d, iċ) = \sum_{i=1}^{N_d} I_{iċ}(FL_{max}(S_{i,d}))$$

fejn:

- (1) $FL_{max}(S_{i,d})$ hu l-ogħla livell tal-funzjonalità li s-servizz $S_{i,d}$ jista' jkollu skont il-katalogu tas-servizzi intelliġenti lesti,
 - (2) $I_{iċ}(FL_{max}(S_{i,d}))$ hu l-punteġġ tas-servizz $S_{i,d}$ għall-ogħla livell tal-funzjonalità tiegħu, jiġifieri l-punteġġ massimu tas-servizz $S_{i,d}$ għan-numru tal-kriterju ta' impatt iċ ,
- (d) Il-punteġġ għall-potenzjal ta' intelliġenza espress bħala persentaġġ għal kull wieħed mill-kriterju ta' impatt SR_{iċ} jiġi ddeterminat bil-ponderazzjoni speċifikata fl-Anness V, kif ġej:

$$SR_{iċ} = \frac{\sum_{d=1}^N W_{d,iċ} \times I(d, iċ)}{\sum_{d=1}^N W_{d,iċ} \times I_{max}(d, iċ)} \times 100$$

fejn:

- (1) d hu n-numru tad-dominju tekniku inkwistjoni,
 - (2) N hu n-numru totali tad-dominji tekniċi (skont l-Anness IV),
 - (3) $W_{d,iċ}$ hu l-fattur ta' ponderazzjoni espress bħala persentaġġ tan-numru tad-dominju tekniku d għan-numru tal-kriterju ta' impatt iċ ,
- (e) il-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza tul it-tliet funzjonalitajiet ewlenin enfasizzati fl-Anness Ia, il-punt 2 tad-Direttiva 2010/31/UE, SR_f huma ddeterminati bil-fatturi ta' ponderazzjoni speċifikati skont l-Anness III, kif ġej:

$$SR_f = \sum_{iċ=1}^M W_f(iċ) \times SR_{iċ}$$

fejn:

- (1) M hu n-numru totali tal-kriterji ta' impatt skont l-Anness II,
 - (2) $W_f(iċ)$ hu l-fattur ta' ponderazzjoni espress bħala persentaġġ tan-numru tal-kriterju ta' impatt iċ għall-funzjonalità ewlenija f skont l-Anness III,
 - (3) SR_{iċ} hu l-punteġġ għall-potenzjal ta' intelliġenza għan-numru tal-kriterju ta' impatt iċ .
- (f) il-punteġġ totali għall-potenzjal ta' intelliġenza SR jista' jiġi kkalkulat bħala s-somma ponderata tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza tal-funzjonalitajiet ewlenin, kif ġej:

$$SR = \sum W_f \times SR_f$$

fejn:

- (1) SR_f hu l-punteġġ għall-potenzjal ta' intelliġenza għall-funzjonalità ewlenija f ,
- (2) W_f hu l-ponderazzjoni tal-funzjonalità ewlenija f fil-kalkolu tal-punteġġi totali għall-potenzjal ta' intelliġenza, b' $\sum W_f = 1$.

- (g) il-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza tad-dominji tekniċi għal kull kriterju ta' impatt $SR_{d,iċ}$ jistgħu jiġu kkalkulati, kif ġej:

$$SR_{d,iċ} = \frac{I(d,iċ)}{I_{max}(d,iċ)} \times 100$$

fejn:

- (1) $I(d,iċ)$ hu l-punteġġ tan-numru tad-dominju d għall-kriterju ta' impatt iċ ,
 - (2) $I_{max}(d,iċ)$ hu l-punteġġ massimu tan-numru tad-dominju d għan-numru tal-kriterju ta' impatt iċ .
-

ANNEX II

Kriterji ta' impatt tal-potenzjal ta' intelliġenza

Il-kriterji ta' impatt tal-potenzjal ta' intelliġenza kkunsidrati fil-protokoll tal-kalkolu stabbilit fl-Anness I huma dawn li ġejjin:

- (a) l-effiċjenza enerġetika,
 - (b) il-manutenzjoni u t-tbassir tal-ħsarat,
 - (c) il-kumdità,
 - (d) il-konvenjenza,
 - (e) is-saħħa, il-benesseri u l-aċċessibbiltà,
 - (f) l-informazzjoni lill-okkupanti,
 - (g) il-flessibbiltà u l-ħżin tal-enerġija
-

ANNEX III

Ponderazzjoni tal-kriterji ta' impatt fil-funzjonijiet ewlenin

1. Kull kriterju ta' impatt stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament hu kkunsidrat għal waħda biss mit-tliet funzjonalitajiet ewlenin, kif stabbilit fil-punti 2 sa 4. Għal kull funzjonalità ewlenija, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-fatturi rispettivi ta' ponderazzjoni tal-kriterji rilevanti ta' impatt.
 2. Għall-funzjonalità ewlenija "rendiment fl-użu tal-enerġija u operat", il-kriterji rilevanti ta' impatt huma "l-effiċjenza enerġetika" u "il-manutenzjoni u t-tbassir tal-ħsarat".
 3. Għall-funzjonalità ewlenija "rispons għall-ħtiġijiet tal-utenti", il-kriterji rilevanti ta' impatt huma "il-kumdità", "il-konvenjenza", "l-informazzjoni għall-okkupanti" u "is-saħħa, il-benesseri u l-aċċessibiltà".
 4. Għall-funzjonalità ewlenija "flessibiltà tal-enerġija", il-kriterju rilevanti ta' impatt hu "il-flessibiltà u l-ħżin tal-enerġija".
-

ANNEX IV

Dominji tekniċi

Id-dominji tekniċi tal-potenzjal ta' intelliġenza kkunsidrati fil-protokoll tal-kalkolu stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:

- (a) it-tishin,
 - (b) it-tkessiġ,
 - (c) l-ilma sħun domestiku;
 - (d) il-ventilazzjoni,
 - (e) it-tidwil,
 - (f) l-involukru dinamiku tal-bini,
 - (g) l-elettriku,
 - (h) l-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi,
 - (i) il-monitoraġġ u l-kontroll.
-

ANNEX V

Ponderazzjoni tad-dominji tekniċi

1. Kull dominju teknicu hu ponderat għal kull wieħed mill-kriterji ta' impatt, u l-fatturi ta' ponderazzjoni jikkarakterizzaw l-influwenza tad-dominju teknicu fuq il-kriterju ta' impatt.
 2. Il-fatturi ta' ponderazzjoni tad-dominji tekniċi huma espressi bħala persentaġġ, u għal kull kriterju ta' impatt, is-somma tal-fatturi ta' ponderazzjoni tad-dominji tekniċi hi 100 %.
 3. L-approċċ standard għall-allokazzjoni tal-fatturi ta' ponderazzjoni għad-dominji tekniċi hu bbażat fuq:
 - (a) Il-bilanċ tal-enerġija taż-żona klimatika għall-fatturi ta' ponderazzjoni tad-dominji tekniċi ta' "it-tiżhin", "it-tkessiġ", "l-ilma sħun domestiku", "il-ventilazzjoni", "it-tidwil" u "l-elettriku" tul il-kriterji ta' impatt ta' "l-effiċjenza enerġetika", "il-manutenzjoni u t-tbassir tal-ħsarat" u "il-flessibbiltà u l-ħżin tal-enerġija";
 - (b) għall-każijiet l-oħra kollha: il-fatturi ta' ponderazzjoni huma fissi jew distribwiti ugwalment.
 4. L-Istati Membri jiddefinixxu ż-żoni klimatiki li jintużaw, meta rilevanti, fid-determinazzjoni tal-fatturi ta' ponderazzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw, meta disponibbli, gwida rilevanti tal-Unjoni.
 5. Il-fatturi ta' ponderazzjoni tad-dominji tekniċi jistgħu jvarjaw bejn il-binjet residenzjali u l-binjet mhux residenzjali għal uħud mill-kriterji ta' impatt.
 6. L-Istati Membri jiddefinixxu l-fatturi ta' ponderazzjoni u, għal dan il-għan, huma mħeġġa jużaw, meta disponibbli, gwida rilevanti tal-Unjoni. Jistgħu wkoll iqisu l-impatti possibbli mit-tibdil fil-klima.
-

ANNEX VI

Katalgu tas-servizzi intelliġenti lesti

1. Għall-fini tal-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, l-Istati Membri jagħmlu disponibbli mill-inqas katalogu wieħed tas-servizzi intelliġenti lesti li jrid jintuża mill-esperti bħala l-bażi għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tas-servizzi intelliġenti lesti.
 2. Katalgu tas-servizzi intelliġenti lesti jinkludi l-lista tas-servizzi intelliġenti lesti li jridu jitqiesu għall-kalkolu tal-punteġġ għall-potenzjal ta' intelliġenza, il-livelli tal-funzjonalità relatati, u l-punteġġi individwali korrispondenti għall-kriterji ta' impatt.
 3. Id-definizzjoni u kull aġġornament sussegwenti tal-katalgi tas-servizzi intelliġenti lesti jirriflettu l-aktar teknoloġiji intelliġenti lesti avvanzati bħalissa.
 4. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu linji gwida lill-esperti dwar l-aktar mod effettiv biex jiġu identifikati u vvalutati s-servizzi intelliġenti lesti, permezz ta' gwida rilevanti tal-Unjoni, meta disponibbli.
 5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli diversi katalgi tas-servizzi intelliġenti lesti, pereżempju għal tipi differenti ta' bini.
-

ANNEX VII

Adattament possibbli tal-proċess tal-kalkolu standard

1. Biex ikun evitat penalizzar inġust ta' binja jew ta' unità tal-bini, xi servizzi intelliġenti lesti jistgħu jitħallew barra mill-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza, f'każ li dawk is-servizzi ma jkunux rilevanti għal dik il-binja jew l-unità tal-bini.
 2. L-Istati Membri jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li skonthom dawn l-adattamenti huma rilevanti u permessi.
 3. Il-fatturi ta' ponderazzjoni ta' dawk id-dominji tekniċi li għalihom se jintuża l-approċċ (klimatiku) tal-bilanċ tal-enerġija skont il-kalkolu standard jistgħu jiġu kkalkulati abbażi tal-konsumi kif evalwati fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-binja jew tal-unità tal-bini inkwistjoni.
-

ANNEX VIII

Klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza

1. Il-klassifikazzjoni tal-potenzjal ta' intelliġenza hi espressa abbażi ta' seba' klassijiet tal-potenzjal ta' intelliġenza, mill-akbar potenzjal ta' intelliġenza sal-inqas potenzjal ta' intelliġenza.
 2. Kull klassi tal-potenzjal ta' intelliġenza tikkorrispondi għal firxa ta' punteġġi totali għall-potenzjal ta' intelliġenza, kif ġej:
90-100 %; 80-90 %; 65-80 %; 50-65 %; 35-50 %; 20-35 %; < 20 %.
-

ANNEX IX

Kontenut taċ-ċertifikat tal-indikaturi tal-potenzjal ta' intelliġenza

L-informazzjoni li tinsab fl-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza u mibgħuta lill-utent finali tinkludi dan li ġej:

- (a) l-ID uniku taċ-ċertifikat,
 - (b) id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat,
 - (c) test ta' informazzjoni li jiċċara l-ambitu tal-indikatur tal-istat ta' thejġija intelliġenti, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija,
 - (d) informazzjoni ġenerali dwar il-binja jew l-unità tal-bini (it-tip ta' binja jew ta' unità tal-bini, l-erja tas-superfiċje, is-sena tal-konstruzzjoni u, meta rilevanti, tar-rinnovazzjoni, il-lokazzjoni),
 - (e) meta tkun disponibbli, il-klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-binja jew tal-unità tal-bini kif speċifikat f'ċertifikat validu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija,
 - (f) il-klassi tal-potenzjal ta' intelliġenza tal-binja jew tal-unità tal-binja,
 - (g) b'mod fakultattiv, il-punteġġ totali għall-potenzjal ta' intelliġenza tal-binja jew tal-unità tal-bini,
 - (h) il-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza tul it-tliet funzjonalitajiet ewlenin enfasizzati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament,
 - (i) il-punteġġ għall-potenzjal ta' intelliġenza għal kull kriterju ta' impatt,
 - (j) b'mod fakultattiv, il-punteġġi ta' kull dominju tekniku għal kull kriterju ta' impatt,
 - (k) meta possibbli, l-informazzjoni disponibbli dwar il-konnettività, b'mod partikolari dwar l-eżistenza ta' infrastruttura fiżika diġà installata fil-binja għal broadband b'veloċità għolja, bħat-tikketta volontarja "broadband ready",
 - (l) meta possibbli, l-informazzjoni disponibbli dwar l-interoperabbiltà, iċ-ċibersigurtà tas-sistemi u l-protezzjoni tad-*data*, inkluż meta rilevanti dwar il-konformità mal-istandards maqbula b'mod komuni, u l-informazzjoni dwar ir-riskji relatati,
 - (m) test ta' informazzjoni li jiċċara li ċ-ċertifikat jirrifletti l-potenzjal ta' intelliġenza fid-data tal-ħruġ u li kwalunkwe modifika sinifikanti fil-bini u fis-sistemi tiegħu taffettwa l-potenzjal ta' intelliġenza u għalhekk ikun hemm bżonn aġġornament tal-informazzjoni mogħtija fuq iċ-ċertifikat,
 - (n) b'mod fakultattiv, rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jitjieb il-potenzjal ta' intelliġenza tal-binja jew tal-unità tal-bini li jqisu, meta rilevanti, il-valur patrimonjali,
 - (o) b'mod fakultattiv, informazzjoni addizzjonali dwar is-suppożizzjonijiet li jsiru fil-kalkolu tal-punteġġi, bħall-fatturi ta' ponderazzjoni tal-kriterji ta' impatt użati għall-kalkolu tal-punteġġi għall-potenzjal ta' intelliġenza għall-funzjonalitajiet ewlenin.
-